MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 107/1995/2

**Avukat Max Ganado bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera METAL TRADE S.R.L**

**vs**

**Kaptan Sebastiano Pizzimenti ghan-nom u in rappresentanza tal-bastiment M.V. Poker, ta' bandiera taljana, registrat fil-Port ta' Cagliari u b'nota tas-27 ta' Frar 1995 Dr. Tonio Fenech assuma l-atti tal-kawza minflok il-Kaptan sabiex jirrapprezenta l-bastiment M.V. Poker**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-26 ta' Jannar, 1995, li in forza taghha, wara premetta:

1. Illi l-konvenut nomine huwa debitur tal-attur nomine fis-somma fi flus maltin ekwivalenti ghal wiehed u tletin miljun u sebgha mija u sebgha u sittin elf punt tnejn disgha zero liri taljani (IL 31.767.290) liema ammont jirrapprezenta bilanc minn somma akbar prezz ta' *spare parts* u provvisti necessarji li gew suppliti u kkonsenjati lill-istess konvenut nomine;

2. Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u fil-fehma tal-attur il-konvenut nomine m'ghandux eccezzjonijiet ghal din it-talba;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artiklu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u

2. Tikkundannah sabiex ihallas lill-attur nomine s-somma fi flus maltin li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti ghal wiehed u tletin miljun sebgha mija u sebgha u sittin elf mitejn u disghin liri taljani (IL 31.767.290) liema ammont jirrapprezenta bilanc minn somma akbar prezz ta' diversi oggetti, spare parts u provvisti necessarji konsenjati lilu;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv li jibqghu minn issa ngunti biex jidhru in subizzjoni.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-15 ta' Frar, 1995, li in forza taghha, wara li ssodisfat ruhha li l-konvenut ghandu eccezzjoni tajba biex jopponi l-azzjoni, tat lill-konvenut permess li jopponi l-azzjoni u taghtu zmien ghoxrin gurnata biex jipprezenta l-eccezzjoni tieghu u ordnat ukoll

li l-kawza tigi mismugha u deciza fuq l-istess atti fil-kors ordinarju taghha;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet mressqa mill-konvenut li biha eccepixxa;

1. Illi, in linea preliminari, din il-Qorti m'ghandhiex gurisidizzjoni biex tiehu konjizzjoni tal-kawza odjerna.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-gudizzju m'huwiex integru ghaliex is-sidien tal-bastiment in kwistjoni ma gewx imharrka imqar ghal kull interess li jista' jkollhom fil-bastiment peress illi kull azzjoni "*in rem*" mhix proponibbli kemm-il darba s-sidien ma jkunux ukoll responsabbli ghall-kreditu pretiz;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li fil-kaz odjern si tratta ta' bastiment li kien "*bareboat chartered*" meta l-kreditu pretiz gie kontrattat, il-hlas ta' dan l-istess kreditu mhux biss m'huwiex ir-responsabbilita' tas-sidien tal-istess bastiment – liema kreditu lanqas ma hu kopert bi privilegg – izda inoltre l-azzjoni "*in rem*" f'dawn ic-cirkostanzi ma tistax tkun legalment ammissibbli;

4. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-meritu t-talba tal-attur nomine ma tistax tigi milqugha minhabba li l-kreditu pretiz mill-attur nomine mhux dovut u mhux ezigibbli minghand il-bastiment stante illi s-sidien tal-bastiment mhux responsabbli ghall-hlas tal-istess in persona u dan peress illi l-krediti pretuzi ma gewx kotnrattati mis-sidien jew minn persuni awtorizzati in rapprezentanza tas-sidien; dawn lanqas ma jirradikaw privilegg fuq il-bastiment. Ghalhekk l-eccipjent noe m'huwiex il-legittimu kontradittu tal-attur nomine;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat il-verbal registrat fl-ujdenza tas-6 ta’ Gunju, 1995, li fiha l-konvenut irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta’ Settembru, 1999, li in forza taghha laqghet it-talba tal-konvenut nomine ghall-isfilz tal-affidavit ta’ l-imsemmi Francesco Rizzuto, b’dana pero’ li qeghda tirrizerva espressament id-dritt li tirrevoka *contrario imperio* tali ordni fil-kaz li ssirilha talba formali ghall-ammissjoni tax-xhud imsemmi u dan kemm-il darba hija tkun konvinta li tali talba tkun legalment gustifikata; fit-tieni lok, l-attur nomine ghandu permezz ta’ nota juri jekk huwiex qieghed jestendi t-trattazzjoni tieghu ghall-mertu kollu tal-vertenza meta huwa elabora dwar il-ligi applikabbli, jew inkella, huwiex minflok qieghed jillimita ruhu biss ghall-fini tat-tielet eccezzjoni.

Fit-tielet lok, ordnat lill-konvenut nomine biex dan jiddikjara jekk ghandux xi haga x’izid man-nota tieghu u rigwardanti t-tielet eccezzjoni u specifikatament dwar l-osservazzjoni tieghu li l-azzjoni *in rem* fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz “ma tistax tkun legalment ammissibbli”; u b’dan li f’kull wahda minn dawn l-ordnijiet il-kontro-parti jkollha d-dritt ta’ risposta.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti redatt fid-9 ta’ Dicembru, 1999, fejn gie stabbilit li, f’dak l-istadju, il-Qorti kellha tillimita ruhha biex tiddeciedi liema ligi hi applikabbli u li ghandha tirregola l-materja dwar l-allegat privilegg;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Frar, 2000, li in forza tieghu rriskontrat diversi punti li dwarhom talbet li jsiru kjarifiki ulterjuri mill-partijiet;

Rat in-Nota konguntinva tal-partijiet tat-23 ta’ Marzu, 2000, fejn gew moghtija l-kjarifiki li talbet il-Qorti;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tal-1 ta’ Gunju, 2000, li in forza taghha iddikjarat li l-ligi applikabbli ghall-kwistjoni ta’ privilegg hija u kienet regolata bil-ligi taljana u, ghaldaqstant, awtorizzat lill-attur li jipproduci l-provi

opportuni dwar il-ligi Taljana; l-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ottubru, 2000 li ordnat li l-affidavit sfilzat jerga' jigi mdahhal fil-process;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti, inkluzi l-affidavits li ressqu l-partijiet;

Rat li din il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq il-materja dwar jekk, skond il-ligi taljana, il-pretensjoni tal-attur tikkwalifikax li tkun koperta bi privilegg;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza, l-attur, f'isem is-socjeta' estera Metal Trade s.r.l, qed jitlob hlas minghand il-bastiment M.V. "Poker" ta' bilanc minn somma akbar ta' *spare parts* u provvisti necesarji li gew suppliti u kkonsenjati lill-bastiment. Din it-talba giet promossa bhala azjoni "*in rem"* kontra l-vapur, u l-kwistjoni li ghandha tigi mistharga f'dan l-istadju huwa, *dato non concesso* li tezisti din il-pretensjoni *in rem* kontra l-bastiment, jekk dak il-kreditu jikkwalifikax bhala privilegg taht il-ligi Taljana.

Il-ligi Taljana li tirregola l-marittimu hija inkoroporata fil-Codice della Navigazione u l-privileggi fuq il-vapuri jinsabu regolati fit-Titolu VI, Capo I, Sezione II ta' dan il-Kodici. Il-partijiet jaqblu li l-artikolu ta' dan il-kodici li jista' jkun applikabbli ghall-kaz huwa l-artikolu 552 (6) tal-imsemmija Kodici Taljana, u fil-fatt l-attur jargumenta li l-kreditu pretis minnu jaqa' taht il-provvediment ta' dak l-artikolu, u l-konvenut jirribatti li l-kreditu pretiz ma jikkwalifikax ghall-privilegg taht dak l-artikolu.

L-artikolu 552 (6) tal-Codice della Navigazione Taljana jiddisponi dan li gej:

*"Sono privilegianti sulla nave, sul nolo del viaggio durante il quale e' sorto il credito, sulle pertinenze della nave u*

*sugli accessori del nolo guadagnati dopo l'inizio del viaggio…*

(6) *I crediti derivanti da contratti stipulati o da operazioni eseguite in virtu' dei suoi poteri legali dal commandante, anche quando sia armatore della nave, per le esigenze della conservazione della nave ovvero per la continuazione del viaggio."*

Minn qari ta' dan l-artikolu jidher li biex jigi sodisfatt it-termini tal-privilegg, iridu jinkonkorru tlett elementi:

1) il-krediti jridu jirrizultaw minn kuntratti jew minn operazzjonijiet esegwiti mill-kaptan;

2) il-kaptan ikun qed jagixxi fit-terminu tal-poteri legali tieghu;

*3)* is-servizzi rezi lill-vapur ikunu mehtiega ghall-konservazzjoni tal-vapur jew biex il-vjagg ikun jista' jitkompla.

Dwar l-ewwel rekwizit, inqalghet divergenza bejn l-esperti taljani prodotti mill-partijiet, fis-sens, li l-espert tal-attur (l-Avukat Francesco Rizzuto) sostna li kien hemm zvilupp fil-gurisprudenza taljana li l-ordnijiet ghas-servizzi m'hemmx ghalfejn jinghataw direttament mill-Kaptan, izda jistghu jinghataw mis-subalterni tieghu, inkluz sahansitra mill-kok, jekk is-servizzi jirreferu ghall-provisti tal-ikel. L-espert tal-konvenut (l-Avukat Maurizio Orione), ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni u jafferma li dan il-privilegg jitwieled biss meta s-servizzi jintalbu mill-Kaptan.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa dovuta d-deposizzjoni ta' dawn iz-zewg esperti, kif ukoll id-dokumenti li ressqu l-partijiet u ssib li, fil-fatt, iz-zewg esperti mhux qed jikkontradixxu lil xulxin, izda qed jiddiskutu l-punt mil-lat differenti. Jidher li dak li osserva l-Avukat Rizzuto hu minnu, in parte, fis-sens li l-filosofija taljana qed tersaq

biex testendi c-cirkostanzi fejn u meta tista' tirnexxi azjoni *in rem*, l-esekuzzjoni ta' liema azzjoni tista' twassal ghall-arrest tal-vapur; izda, kif spjega, *in rem*, ma tohloqx privilegg jekk ma tkunx rizultat ta' ordni li saret mill-Kaptan. Is-sentenzi li rrefera ghalihom l-Avukat Rizzuto jindikaw, infatti, li l-vapur, bhala konvenut f'kawza *in rem*, instab li ghandu jaghmel tajjeb ghal diversi servizzi lilha rezi anke meta l-ordni partikolari ma saritx mill-Kaptan tal-vapur izda minn ufficjal iehor taghha. B'dan l-effett, ir-rizultat kien li l-bastiment kienet tigi sekwestrata mill-awtoritajiet tal-port fejn din tinsab, u  l-vapur impoggiha taht subbasta sabiex mir-rikavat ikun jista' jigi sodisfatt il-kreditu. Dan ma jfissirx, pero', li dik il-pretensjoni saret privileggjata. Fil-fatt, it-Tribunale Ordinario di Genova fid-decizjoni tal-4 ta' Novembru, 2002, fil-kaz ta' bejn "Alpha Trading Spa vs Sea Gate Ltd", osserva li tezisti "*la distinzione tra maritime claim (credito marittimo) e lien, nel senso che il primo non attribuisce ne' e' reconducibile al privilegio, pur avendo certa efficacia reale, in quanto opponibile al terzo proprietario, costituendo il primo peculiare diritto di credito, assistito da strumento processuale, l'arrest, simile al nostro sequestro conservativo, ma allo stesso non esattamente sovrapponibile."*

Il-kaz l-iehor riferit mill-Avukat Rizzuto dak ta' bejn "Sea Gate ltd vs Alpha Trading s.r.l.", u deciz fit-28 ta' Novembru, 2002, ma jmurx oltre milli jirrikonoxxi pretensjoni ghall-*bunkering* u jiddiskuti x'jigri mill-azjoni kontra l-vapur meta din tinhall mis-sekwestru b'rizultat ta' garanzija bankarja depositata taht l-awtorita' tal-Qorti.

Min-naha l-ohra, hemm gurisprudenza cara u konsistenti li l-privilegg jitwieled biss jekk l-ordnijiet isiru mill-Kaptan tal-vapur. Il-kaz bejn "Lockwood & Carlisle et vs Sicilsud Leasing s.pa. et", u li fiha inghata provvediment mit-Tribunale di Genova fit-28 ta' April, 1995, hu car li biex jinholoq il-privilegg taht l-artikolu 552 (6), l-ordnijiet iridu jsiru mill-Kaptan, u ma jinholoqx il-privilegg jekk l-ordnijiet jirrizultaw li saru mill-armaturi tal-vapur.

Fid-decizjoni li l-istess Tribunal, mhux komposta kollegjalment, kienet tat, fl-istess kawza, fl-24 ta' Marzu, 1995, gie osservat li l-privilegg invokat ma jistax jissustixxi peress li "i *contratti non risultano esser stati formalmente stipulati dal comandante bensi' da esponenti della societa' noleggiatrice; cio' determinando l'esclusione del privileggio invocato."*

Fil-kaz ta' bejn "Cantieri Balsamo s.r.l. vs Sail Boat Enterprise", li fih inghatat decizjoni mit-Tribunale di Lecce fl-24 ta' Dicembru, 1994, intqal ukoll li "*il credito anzidetto, non e' assistito dal privileggio previsto dall' art.552 n.6 cod.nav., non essendo stati commessi, i lavori eseguiti, dal comandante della nave, bensi direttamente dalla sua proprietaria."*

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza, din il-Qorti ittenni li biex jirrizulta l-privilegg taht l-artikolu 552 (6) tal-Codice della Navigazione taljan, l-ordnijiet iridu jkunu saru mill-Kaptan tal-vapur.

Dwar minn min saru l-ordnijiet f'dan il-kaz, ma jirrizultax car. L-*invoices* u d-dokumenti akkompanjanti ma jindikawx li l-ordnijiet saru mill-Kaptan; jghidu li l-ordnijiet saru b'mod verbali jew bit-*telephone*, izda ma jindikawx aktar minn hekk. L-*invoices* huma indirizzati lil Marinzulich Cap., c-*charterers* tal-vapur, u mhux lill-Kaptan. Is-socjeta' attrici tghid li l-ordnijiet saru mill-Kaptan (Mario Giovanni Noviello, f'isem is-socjeta' attrici, jghid li, "*I confirm that the master of m.s. "Poker' contacted myself ordering the supply of various spares for the engine of the vessel under his command"),* izda, is-socjeta' konvenuta ssostni li x-xoghol sar fuq ordni tac-*charterers* (Malcolm Walter Parrott, rappresentant tas-sidien tal-vapur, jghdi li x-xogholijiet saru fuq ordni tad-ditta Marinzulich, Cap Claudio (Armatore) s.r.l, u x-xogholijiet "were the responsibility of a Sr. Mangrini who was acting as an independent technical superintendent for Marinzulich").

Min-natura tax-xogholijiet u c-cirkustanzi tal-kaz, din il-Qorti hija propensa li aktar tersaq lejn il-versjoni tal-konvenut li x-xoghol ma sarx fuq ordni tal-kaptan. Il-hsarat

li garrab il-vapur ma kienx tali li jwaqqfu l-vapur milli jkompli jbahhar, u jidher aktar probabbli li, meta sehh l-incident, il-Kaptan ikkuntattja lic-*charterers* u dawn hadu hsieb jirrangaw li jsiru t-tiswijiet mehtiega meta l-vapur jidhol fil-port ta' Livorno. Il-fatt li l-*invoices* huma kollha mahruga fuq isem Marinzulich, ikompli jindika li kienet din il-kumpanija, u mhux il-Kaptan, li ghamlet l-ordnijiet.

Anke jekk kien il-Kaptan li ghamel l-ordnijiet, ma jirrizultax li dawn l-ordnijiet saru bil-procedura li trid il-ligi Taljana. Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni li tat it-Tribunale di Genova fit-28 ta' April, 1995, gia kwotata, fejn jinghad hekk:

*"Del resto, anche se per ipotesi si fosse trattato di contratti o operazioni direttamente riconducibili al comandante, sarebbe davvero difficile ammettere che essi siano stati stipulati o eseguiti in virtu' dei suoi poteri legali, poiche' nel nostro ordinamento la rappresentanza legale del comandante e' oltremodo limitata. Egli, infatti, nei luoghi in cui sono presenti l'armatore o un suo rappresentante, puo' provvedere soltanto agli approvvigionamenti giornalieri, alle forniture di lievi entita' e alle piccole riparazione necessarie per la manutenzione ordinaria della nave, mentre fuori dei luoghi nei quali sono presenti l'armatore o un suo rappresentante puo' avvalersi di piu' ampi poteri, previsti dal 2 coma dell'art. 306, cod. nav. solo con l'osservazione della formalita' stabbilite all'art 307 cod.nav."*

L-artikolu 307 tal-Codice della Navigazione jghid li ghall-provisti li m'humiex *giornalieri*, il-Kaptan meta jaghmel l-ordnijiet ghall-provisti, irid jaghti *"immediato avviso all'armatore*", u meta dan mhux possibbli, irid igib l-awtorizazzjoni tal-Harbour Master li jista' jaghti l-permezz wara li jaccerta ruhu li l-provisti huma methiega "*per riparazione o per altro urgente esigenza della nave ovvero per la continuazione dell viaggio."*

Fid-decizjoni li tat it-Tribunale ta’ Ruma fit-3 ta’ Lulju, 1964, intqal li “*Il privilegio speciale, relativo alle obbligazioni contratte dal comandamente pel viaggio di cui all’art. 552, n.6 Cod. nav., sussiste solo quando il comandante, prima di contrarre l’obbligazione, ha fatto risultare la necessita’ della fornitura per la continuazione del viaggio e si e’ fatto autorizzare a provvedervi dalla competente Autorita’ del luogo ai sensi dell’art. 307 Cod.nav”.*

Fil-kaz meritu tal-kawza, ma jirrizultax li fil-port ta’ Livorno ma kienx hemm rappresentant tal-armaturi u, f’kull kaz, l-ispiza inkorsa tindika li l-provisti mitluba jmorru oltre l-*“approvvigiornamenti giornalieri”* li tippermetti li l-ligi Taljana, u lanqas ma gie allegat jew muri li l-Kaptan segwa l-proceduri li jitlob l-artikolu 307 tal-Codice della Navigazione Taljan. Kwindi, bl-ebda mod ma jista’ jinghad li, jekk l-ordnijiet saru mill-Kaptan, dan kien qed jagixxi fit-termini tal-poteri legali tieghu. B’hekk, it-tieni element mehtieg biex jissustixxi l-privilegg kontemplat fl-artikolu 552 (6), huwa wkoll nieqes.

Ma jirrizultax lanqas li s-servizzi ordnati kienu mehtieg ghall-konservazzjoni tal-vapur jew biex il-vjagg jitkompla. Huwa veru li kull tiswija li ssir fuq vapur, tista’ tghid, isservi ghal “konservazzjoni” taghha, izda kif spjega tajjeb l-espert l-Avukat Maurizio Orione, b’dan l-argument kull tiswija tigi biex tkun koperta bi privilegg , anke “*re-fit”* tal-vapur ikun jista’ jikkwalifika bil-privilegg, meta, hu ovvju, li l-ghoti tal-privilegg ghandu jkun limitat ghall-kazijiet partikoalri kif wiehed jista’ jidesumi minn ezami tal-artikolu 552 tal-Codice della Navigazione.

Bhala regola normali, u fil-kors ordinarju tal-hajja ta’ vapur, ix-xogholijiet ta’ manutenzjoni, *re-fit* jew tiswija jigu programmati mis-sid il-vapur ghal zmien meta ma tantx ikollu uzu ghall-bastiment u wara negozjati li fihom jipprova jakkwista l-ahjar kundizzjonijiet. Ghal dan it-tip ta’ servizz, il-kuntrattur m’ghandux bzonn il-protezzjoni tal-hlas tramite privilegg. Mhux biss hu prezunt li, f’tali

cirkostanzi, il-kuntrattur mhux se jidhol f'kuntratt ma' persuna li jaf jew ghandu suspett li ma jkunx affidabbli, izda, hu prezunt ukoll li, waqt li qed jinnegozja l-kuntratt, jipprotegi l-interessi tieghu bid-debiti kawteli. Meta, minn naha l-ohra, ix-xogholijiet u l-provisti jkunu mehtiega f'lok fejn il-kuntrattur ma jkollux informazzjoni dwar l-affidabilita' tas-sid jew fejn ma hemmx hin li l-kuntrattur jirregistra d-debiti kawteli biex jipprotegi l-interessi tieghu ghall-hlas, il-ligi tippermetti lill-Kaptan jidhol direttament f'negozjati mal-kuntrattur tal-post biex jakkwista t-tiswija u/jew il-provvisti mehtiega, u l-kuntrattur, f'tali cirkustanzi, ikun jista' jserrah mohhu dwar il-hlas ghax il-ligi tipprovdih bi privilegg fuq il-vapur. Ix-xogholijiet kontemplati fl-artikolu 552(6) tal-cod.nav. jirrikjedi stat ta' necessita' li ma jippermettux lill-vapur tistenna sakemm tmur lura fil-*home port* taghha. Il-Kaptan ghandu l-poter jipprovdi ghall-provisti u/jew tiswijiet li jkunu urgenti u necessarji, f'liema kaz, il-fornituri jgawdu minn privilegg fuq il-vapur, b'mod li jkunu fi grad li jaghtu s-servizzi mitluba fi zmien qasir u bla telf ta' hin, biex il-vapur ikun jista' jkompli fil-vjagg tieghu.

Din il-posizzjoni, li tohrog mix-xhieda tal-espert l-Avukat Maurizio Orione, hija konfortata wkoll b'dak li qal it-Tribunale di Lecce f'decizjoni li tat fl-24 ta' Dicembru, 1994, fil-kawza gia kwotata fl-ismijiet "Cantieri Balsamo s.r.l. vs Sail Boat Enterprise", fejn gie osservat, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza antecedenti, illi "*Il credito per i lavori di riparazione ad una nave in esecuzione di un contratto stipulato dal cantiere con il proprietario della nave non e' assistito dal privileggio di cui all art.552 n.6".*

Fid-dawl tal-premess, ghaldaqstant, tidderimi din il-kwistjoni billi tilqa' in parte t-tielet eccezzjoni tal-konvenut nomine, u cioe', dik il-parti li kienet il-meritu ta' din id-decizjoni, u tiddikjara li l-pretensjoni tal-attur nomine, anke jekk sorretta fil-fatt u fil-ligi, ma tikkwalifikax li tkun koperta bi privilegg.

L-ispejjez ta' din id-decizjoni jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------